MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Numru. 808/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR KYLIE BORG**
**VS**
**MICHAEL SULTANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Michael Sultana ta’ 40 sena, bin missier mhux maghruf u Josephine Sultana, mwieled Pieta’ nhar is- 16 ta’ April 1972, residenti 73, Triq id- Dejqa, Valletta u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 188572M ;

Talli b’ diversi atti ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, gewwa l- Belt Valletta;

1) bejn it- 28 ta' Lulju 2012 u l- 31 ta' Lulju 2012, ikkommetta serq ta' stereo ta' ditta mhux maghrufa ta' valur ta' €120 minn gewwa vettura MON 909, ghad- dannu ta' Monica Galea, liema serq huwa aggravat bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa;

2) talli nhar id- 29 ta' Lulju 2012, ikkommetta serq ta' stereo tad- ditta JVC ta' valur mhux maghruf minn gewwa vettura BBS 505 ghad- dannu ta' James Cutajar, liema serq aggravat bix- xorta tal- haga misruqa;

3) talli bejn id- 29 u t- 30 ta' Lulju 2012, ikkommetta serq ta' €10 minn gewwa vettura ABN 528, ghad- dannu ta' Charmaine Kitcher, liema serq hu aggravat bil- mezz, bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa;

4) nhar it- 30 ta' Lulju 2012, ikkommetta serq ta' Mobile phone Nokia, Swiss Army Knife u hands free kit, ta' valur mhux maghruf, minn gewwa vettura DBN 298, ghad- dannu ta' Ruben Farrugia, liema serq hu aggravat bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa;

5) talli nhar it- 3 ta' Awwissu 2012, ikkommetta serq ta' stereo tal- ghamla Pioneer valur ta' €466 minn gewwa vettura MEL 102 ghad- dannu ta' Martin Galea liema serq hu aggravat bil- valur, bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa;

6) talli nhar il- 31 ta' Lulju 2012, bil- hsieb li jagheml delitt ta' serq ta' hadida tal- moghdija ta' valur ta' €65, minn gewaw l- istabbiliment N. Caruana & Sons Ltd, ghad- dannu ta' Joseph Mary Caruana, wera dan il- hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta' tal- hati;

7) talli nhar il- 31 ta' Lulju 2012 ikkommetta ser ta' tlett fliexken fwieha, tnejn tal- marka Alien ta' valur ta' €63 il- wiehed u fwieha Madam ta' Valur ta' €68;

8) talli nhar il- 31 ta' Lulju 2012 ikkommetta srq ta' DVD player tad- ditta Atron ta' valur ta' €69;

9) talli nhar is- 26 ta’ Lulju 2012 u ukoll fit- 2 ta’ Awwissu 2012, ikkommetta serq ta’ DVD player tal-ghamla QPS ta’ valur ta’ €149, kif ukoll Car dvd player tad- ditta Denver, ta’ valur ta’ €99, mill- hanut Visco, sitwat gewwa l- Belta Valletta, ghad- dannu ta’ Joseph Borg, liema serq hu aggravat bil- valur;

10) aktar talli xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

11) aktar talli ikkommetta reat waqt li kien that ordni ta’ probation, liema sentenza inghatat mill- Qorti tal-Magistrati preseduta mill- Magistrat Dr Jacqueline Padovani LL.D nhar it- 22 ta’ Marzu 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

12) barra minn dan l- imputat Michael Sultana huwa akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b’ diversi sentenzi moghtija mill- Qorti tal- Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi prodotti jirrisulta li l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, l-aktar bl-ammissjoni tieghu fl-istqarrija moghtija minnu. Ghalkemm hu wiegeb li mhux hati u l-Qorti semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni, din il-prova hija l-prova regina fi proceduri kriminali, u l-imputat ghazel li ma jixhedx in difesa. Minghajr wisq dilungar zejjed, huwa evidenti li l-imputat ghandu problema akuta ta’

dipendenza fuq id-droga, u hija proprju din il-problema li qed twasslu kull darba li jwettaq sensiela ta' reati ta' serq, sabiex ikun jista' jbiegh l-oggetti hekk misruqa minnu u jixtri d-droga. Xhieda ta' dan hija l-fedina penali voluminuza tieghu. Di fatti, il-Qorti giet infurmata li l-imputat ghandu storja kwazi interminabbli ta' serq, u ghalhekk il-piena eventwali ta' prigunerija wehidha m'hi ser twassal ghal xejn hlief pawsa qasira f'din l-attivita', sa ma jerga' johrog mill-habs u jerga' jibda jisraq oggetti zghar 'l hawn u 'l hemm.

Ghalhekk il-Qorti talbet l-assistenza tat-tabib kuranti tieghu, il-psikjatra Joseph Spiteri, li ta hafna informazzjoni utili ghall-Qorti sabiex jitfassal pjan ta' kura u ta' ghinuna ghall-imputat, liema informazzjoni ghandha tibqa' kunfidenzjali. Bizzejjed jinghad li l-imputat kellu trobbija u tfulija tassew iebsa, u ma sab hajt ta' kenn f'hadd u ghinuna minn hadd. Il-Qorti fehmet li, wara li l-imputat jiskonta piena ta' prigunerija – haga li hija mehtiega fi kwalunkwe kaz, in vista tan-numru ta' reati mwettqa minnu – hu ghandu minnufih jittiehed l-isptar Monte Carmeli taht il-kura tal-istess Dr Joseph Spiteri, u wara li jkun attenda ghall-kura hemm, iddum kemm iddum, ikun jista' jirresjedi Villa Chelsea. Huwa importanti ferm li l-imputat jitbieghed mid-droga u minn influwenza hazina f'hajtu sabiex jaqbad triq ohra. Ghalhekk il-Qorti, flimkien mal-piena ta' prigunerija ghal dawn ir-reati, sejra timmodifika l-ordni ta' Probation li kien inghata fit-22 ta' Marzu 2012 billi zzid kundizzjoni ohra fuqu, ai termini tal-Artikolu 7(5) tal-Kap 446 u jinghata l-kura mehtiega. B'hekk, hu jibqa' taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation, li s'issa wriet li kienet utli hafna ghalih, ghalkemm ma kienx kapaci joqghod 'il boghod mid-droga. Flimkien ma' din l-ordni, il-Qorti ser tqieghdu taht ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kap 9 mat-tabib kuranti tieghu, Dr Joseph Spiteri, ghall perijodu massimu permess mil-ligi, liema perijodu jista' jigi estiz ulterjorment skond l-istess Artikolu. Dawn huma l-unici mezzi limitatissimi li l-Qorti ghandha ghad-disposizzjoni taghha. Il-Qorti trid taghmel gustizzja ma' min iwettaq reat, kemm billi taghti l-piena gusta ghall-hazin li jkun sar, kif ukoll billi tghin fir-riforma tal-imgieba tal-hati. Izda huwa difficli ferm

li tipprovdi ghinuna meta l-mezzi a disposizzjoni tal-Qorti huma karenti ghall-ahhar. Il-Qorti sincerament tispera li x-xoghol ta' kura u assistenza li tinghata lill-imputat iservu biex ikunu tassew ta' ghinuna effettiva ghalih.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 261, 263, 267, 270, 271, 284 u 334, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 u Artikolu 7 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha u ghalhekk, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap 9 tikkundannah terminu ta' prigunerija ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar.
Tvarja l-Ordni ta' Probation datata 22 ta' Marzu 2012 billi tordna li l-imputat jinghata l-kura mehtiega ai termini tal-Artikolu 7(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Inoltre tordna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 ghal tlitt (3) snin, taht il-kura tat-tabib Joseph Spiteri.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------